A.L. 12 ta' l-2003

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitat għall-Koordinament dwar Sustanzi Kimiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 9 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitat għall-Koordinament dwar Sustanzi Kimiċi, u għandhom jinqraw u jifthemu ħaġa waħda, mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kumitat għall-Koordinament dwar Sustanzi Kimiċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 328 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. F'regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minnufih qabel it-tifsira "Ministru", għandha tidħol din it-tifsira li ġejja :

"Ftehim" tfisser ftehim, li fih Malta tkun parti, milħuq minn grupp ta' stati li bih jingħata reċiprokament lil ċittadini ta' dawk l-istati jew lid-dipendenti tagħhom id-dritt li jidħlu, joqogħdu u jirrisjedu fi, u jitilqu mit-territorju ta' dak l-istat, li jkollhom libertà ta' moviment ġewwa dawk l-istati għal dak il-perjodu li jista' jiġi stabbilit fil-ftehim, u li jaħdmu jew jistabbilixxu, jipprovdu jew jirċievu servizzi ġewwa fihom; u "Stat tal-Ftehim" u "Ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" għandhom jiftiehmu skond hekk; u fejn stat ikun jagħmel parti minn dak il-Ftehim kif soġġett għal modifikazzjonijiet u adattamenti, Ċittadin ta' Stat ta' Ftehim ikun soġġett għal dawk il-modifikazzjonijiet jew adattamenti li jistgħu jiġu preskritti.".

Jissostitwixxi Skeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok Skeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

SKEDA I

Kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Koordinament dwar is-Sustanzi Kimiċi

Il-Kumitat għall-Koordinament dwar is-Sustanzi Kimiċi għandu jkun magħmul minn:

(a) Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li jkun iċ-*Chairperson* tal-Kumitat.

(b) Uffiċjal pubbliku nominat miċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li jkun il-Viċi *Chairperson* tal-Kumitat.

(ċ) Uffiċjal responsabbli għad-Dwana, nominat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(d) Uffiċjal responsabbli għas-saħħa pubblika, nominat mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika.

(e) Uffiċjal responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, nominat miċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(f) Uffiċjal responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd, nominat mill-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd.

(ġ) Uffiċjal nominat miċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar *Standards*.

(ħ) Uffiċjali nominat miċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

(i) Uffiċjal nominat mill-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili.

(j) Kull rappreżentant ieħor li l-Kumitat jidhirlu li jista' jkun meħtieġ.